MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2007

Numru. 682/2007

Il- Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
(Spettur Jesmond J. Borg)

-vs-

Victor Ellul

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Victor Ellul ta' 46 sena, iben Joseph u Rita nee' Zammit, imwieled Pieta' fit-18 ta' Settembru 1960 u joqghod 'Maria Assunta', Triq Guzeppi Mattew Callus, Zurrieq. Detentur tal- karta ta' l-identita' bin- numru 673260M.

Akkuzat talli fit- 8 ta' Awissu 2007 u fix- xhur ta' qabel f' Ta' Kandja, limiti tas- Siggiewi:

1. hadem provli ta’ l- isparar jew ipprepara dak ix-xoghol f’ razzett maghruf bhala Victor Farmhouse, minghajr licenzja mahruga taht l- Ordinanza dwar l- Esplozzivi u talli hadem xoghlijiet tan- nar jew porvli esploziv, jew esplozivi ohra, minghajr licenzja taht l- imsemmija Ordinanza bi ksur ta’ l- Artiklu 3(2) tal- Kap 33 tal- Ligijiet ta’ Malta.
2. zamm fabbrika tal- porvli jew fabbrika ohra ta’ din ix-xorta, minghajr ma ttiehdu ghas- sodisfazzjon tal- Kummissarju tal- Pulizija, il- prekawzjonijiet necessarji bi ksur ta’ l- artikolu 4 tal- Kap 33 tal- Ligijiet ta’ Malta;
3. zamm ghal bejgh jew hazen porvli ta’ l- isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija bi ksur ta’ l- Artikolu 9 tal- Kap 33 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti giet mitluba illi f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l- piena skond il- Ligi tordna l- konfiska ta’ l- ghodod li servew jew kellhom iservu ghall- konsumazzjoni tar- reat; kif ukoll tordna d- distruzzjoni tal- materjal esploziv taht is- sorveljanza esperta li jidrilha xierqa fic- cirkostanzi a tenur ta’ l- Artikolu 40 tal- Kap 33 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 3(2), 4 u 9 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-udjenza mizmuma fit-13 ta’ Awissu 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha l-kooperazzjoni ta'l-imputat mal-Pulizija kif ukoll l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat u l-fedina penali ta'l-imputat li minnha jidher li l-imputat diga gie misjub hati ta' reat simili ghal dawk odjerni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli l-artikoli 3(2), 4 u 9 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200) kif ukoll prigunerija ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur liema perjodu, b'aplikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sena.

In oltre il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebieti f'dawn il-proceduri liema oggetti ghandhom jigu distrutti taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------